MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 931/2005

**Joseph Falzon ( ID 252055 M)**
**Vs.**
**Kunsill Lokali Iklin**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ disghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm90.62c) rapprezentanti danni fir-rota tal-karozza sofferti mill-istess attur b’konsegwenza ta’ hofor kbar u fondi li hemm fit-triq.

Ra r-risposta fejn l-kunsill qal li mhux responsabbli ta’ l-istess danni sofferti mill-attur stante li dan huwa rizultat ta’ “Act of God” minhabba ix-xita li kienet ghamlet dakinhar u ghalhekk ma’ kienx hemm bizzejed zmien sabiex il-Kunsill jirranga dawn il-hofor.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur li huwa l-propretarju tal-vettura HAW449 fejn jghid illi fis-16 ta’ Frar 2005 it-tifla tieghu

Stephanie Falzon waqt li kienet issuq l-istess vettura dahlet f'hofra fi Triq il-Wied u kkagunat hsara f'wahda mir-roti. Jikkonferma li bhala hsara kellhu t-tyre mifqugh, ir-rim tat-tyre kellhu jinbidel kif ukoll il-wish bone.

Ra x-xhieda ta' Stephanie Falzon fejn ikkonfermat li qal l-attur.Tispjega li t-triq wiesgha biex jghaddu zewg karozzi sejrin direzzjonijiet opposti izda quddiemha kien hemm vettura ohra u ghalhekk ma setatx tevita il-hofor.

Falzon tghid li qabel ma' gara l-incident ma' kienx hemm dik il-hofra li kellha l-incident fuqha. Ma' tiftakarx il-velocita li kienet qed issuq dakinhar ta' l-incident.

Ra x-xhieda ta' Alfred Naudi li huwa s-Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' l-Iklin fejn jikkonferma li Triq il-Wied taqa' taht il-kompetenza ta' l-istess Kunsill.

Jghid illi fil-11 ta' Frar 2005 kien ta struzzjonijiet lil Bitmac Works Limited sabiex jaghmlu xoghol ta' patching fit-triq in kwistjoni. Jikkonferma li fil-gimgha li ta l-ordni sabiex isir ix-xoghol kienet ghamlet hafna xita u ghalhekk il-kuntrattur ma' setax jibda x-xoghol. Jikkonferma li l-kuntrattur kien qed imur kuljum fuq il-post.

Jikkonferma wkoll illi l-hofor fit-Triq il-Wied kienu ilhom hemm mill-bidu ta' Frar u minhabba li ghamlet hafna xita, l-istess triq kompliet tiggrava.

Naudi jghid illi meta tkun ix-xita dawn il-hofor ma jidhrux. Gimgha wara li waqfet ix-xita jghid il sar ix-xoghol necessarju f'din it-triq. It-triq in kwistjoni jghid li tesa' mill-inqas erba' karozzi hdejn xulxin.

Jikkonferma li apparti l-ilmenti ta' l-attur, ma' kellhomx ilmenti ohra.

Ra x-xhieda ta' Saviour Porter li huwa ic-Chief Meteorological Officer Malta International Airport fejn jikkonferma li bejn l-ghaxra ta' filghodu tas-16 ta' Frar u l-ghaxra ta' filghodu tas-17 ta' Frar gew imkejla tlett millimetri punt sitta xita.

Ikkunsidra li jirrizulta li l-kunsill kien risponsabbli ghat-triq in kwistjoni. Jirrizulta ukoll li l-Kunsill kien jaf li t-triq hi f'stat hazin tant li fil-11 ta' Frar inghata l-ordni sabiex issir xoghol ta' "patching". Illi skond il-kunsill, minhabba l-maltemp sal gurnata tal-incident ma sar xejn. Illi skond Dokument SP kien hemm ammont ta' xita u "hail" bejn il-11 ta' Frar u s-16 ta' Frar izda mhux kuljum. Per ezempju fit-13 ta' Frar ma kienx hemm xita.

Illi hemm l-obbligu ta' kull sewwieq li tara x'hemm "in plain view". Meta t-triq ikun imxarba u jekk hemm karozza ezatt quddiemek huwa difficili li tara pothole. Illi kien id-dover tal-Kunsill li jara li t-triq tigi mizmuma fi stat tajjeb u dan it-Tribunal ma jaccettax l-argument li tat l-ordni li ssir "patching" liema ordni ma setghatx tigi ezegwita minhabba l-maltemp. Il-Kunsill kellu jassikura li ma jizviluppawx potholes ta' dak id-daqs.

Id-danni jidhru ragjonevoli u ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant jichad r-risposta tal-Kunsill u jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill-Kunsill sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' disghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm90.62c) bl-imghax mis-17 ta' Mejju 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------